MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

### ONOR. IMHALLEF
### JOSEPH R. MICALLEF

Seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2006

Citazzjoni Numru. 305/2006

**Avukat Dr. Mario CARUANA bħala mandatarju ta' Frank Sampson li għandu n-numru tal-passaport Malti 595938 u li joqgħod 2842, Hollington Cres(cent), Mississauga, Ontario, Canada, debitament awtorizzat bis-saħħa ta' prokura tal-1 ta' Diċembru, 2005**

**vs**

**AVUKAT ĠENERALI TAR-REPUBBLIKA u Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

## Il-Qorti:

Rat ir-Rikors maħluf imressaq fl-10 ta' April, 2006, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissrin, l-attur *nomine* talab li jissewwa l-Att taż-Żwieġ tal-attur minħabba li juri ħażin fejn l-istess attur kien twieled;

Rat l-Avviż ippubblikat fil-Gażżetta tal-Gvern tad-19 ta' Mejju, 2006[1], għall-finijiet tal-artikolu 254 tal-Kodiċi Ċivili;

Rat li ħadd ma ressaq Nota għall-finijiet tal-imsemmi artikolu fiż-żmien mogħti mil-liġi;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-imħarrkin fit-23 ta' Mejju, 2006, li biha laqgħu għat-talbiet attriċi billi, fl-ewwel lok, qalu li l-Avukat Ġenerali tħarrek għal xejn għaliex mhux il-kuntradittur leġittimu tal-pretensjonijiet tal-attur; mill-bqija, ma joġġezzjonawx għat-talba tal-attur dwar il-bdil tal-Att taż-Żwieġ tiegħu, iżda jgħidu li, ladarba l-imħarrek ma jaħtix għall-iżball li tniżżel fl-Att, m'għandux ibati l-ispejjeż tal-kawża;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-avukati tal-partijiet;

Rat id-degriet tagħha tat-8 ta' Ġunju, 2006, li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni biex issir tiswija f'Att ta' Stat Ċivili. L-attur irid li l-post fejn twieled, kif muri fl-Att taż-Żwieġ tiegħu, ikun jaqbel tassew mal-post tat-twelid tiegħu;

Illi għal din l-azzjoni l-imħarrkin laqgħu, qabel xejn, b'eċċezzjoni preliminari. F'din l-eċċezzjoni huma jgħidu li l-Avukat Ġenerali tħarrek għalxejn għaliex m'huwiex il-kuntradittur leġittimu tal-azzjoni attriċi. Qalu wkoll li ma jmerux it-talba tal-attur, imma ma jmisshomx ibatu l-ispejjeż għaliex l-iżball ma kienx minħabba l-imġiba tad-dipartiment;

Illi bħala <u>fatti ewlenin relattivi għall-każ</u> jirriżulta li l-attur Francis *sive* Frank Sampson twieled fl-1 ta' Mejju, 1945[2].

[1] Paġ. 14 tal-proċess
[2] Dok "B", f'paġ. 17 tal-proċess

Ir-reġistrazzjoni tat-twelid tiegħu saret sewwasew xahar wara fuq id-dikjarazzjoni ta' waħda Marija armla ta' Spiru Demarco, li kienet in-nanna materna tal-attur, u li iddikjarat li saħansitra kienet preżenti għat-twelid tiegħu f'dar li kien jisimha "*Lucky House*", fi Triq l-Arkata, Raħal Ġdid. L-attur iżżewweġ fil-knisja ta' Portu Salvu, Valletta, fil-5 ta' Awissu tal-1971, u dan il-fatt ġie reġistrat fuq talba magħmula mill-kappillan tal-knisja fejn sar iż-żwieġ, fis-27 ta' Jannar, 1972[3]. L-attur emigra minn Malta u llum il-ġurnata jgħix fil-Kanada[4]. Il-kawża nfetħet f'April tal-2006;

Illi għal dak li jirrigwarda l-<u>konsiderazzzjonijiet ta' dritt li jolqtu l-każ</u>, ftit li xejn hemm diffikulta' biex jingħata r-rimedju mitlub mill-attur. Madankollu, l-ewwel ħaġa li l-Qorti jeħtiġilha tistħarreġ hija l-eċċezzjoni preliminari tal-imħarrkin, jiġifieri jekk huwiex minnu li l-imħarrek Avukat Ġenerali tħarrek għalxejn;

Illi l-msemmija eċċezzjoni għandha mis-sewwa. Fl-ewwel lok, huwa stabilit mil-liġi[5] li l-Avukat Ġenerali jidher għall-Gvern f'dawk l-atti u l-azzjonijiet ġudizzjarji li, minħabba n-natura tat-talba, ma jkunux jistgħu jiġu diretti kontra xi wieħed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartiment tal-Gvern. F'każ bħal dan, il-liġi tisħaq li l-Avukat Ġenerali jkun notifikat bl-att ġudizzjarju li jkun[6], imma dan biss għall-finijiet ta' notifika u biex ma jiġrix li l-Gvern jaqa' kontumaċi. Fil-każ li għandna quddiemna, ma hemm l-ebda problema biex jiġi identifikat il-kap tad-dipartiment li jagħmel minn dawn l-Atti, u li għalhekk huwa l-kuntradittur leġittimu tal-azzjoni attriċi. Minbarra dan, il-liġi tagħmilha ċara wkoll li kawża magħmula biex jissewwa Att ta' Stat Ċivili għandha titressaq kontra d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku[7];

Illi għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti sejra tilqa' l-ewwel eċċezzjoni u sejra teħles lill-imħarrek Avukat Ġenerali milli jibqa' fil-kawża;

---

[3] Dok "A", f'paġ. 16 tal-proċess
[4] Dok "1", f'paġ. 3 tal-proċess
[5] Art. 181B(2) tal-Kap 12
[6] Art. 181B(3) tal-Kap 12
[7] Art. 253(4) tal-Kap 16

Illi, għal dak li jirrigwarda l-mertu tal-każ, joħroġ ċar li l-attur twieled Raħal Ġdid. L-Att taż-Żwieġ jgħid li huwa twieled l-Isla. Għalhekk, joħroġ li żewġ atti ta' Stat Ċivili jgħidu ħwejjeġ differenti dwar l-istess persuna. Minn hawn toħroġ il-ħtieġa għar-rimedju li t-talba attriċi tistenna li l-attur jingħata;

Illi l-bidla f'Atti ta' Stat Ċivili hija maħsuba mil-liġi kemm għall-benefiċċju tal-persuna konċernata, u kif ukoll fl-interess tat-terzi, u huwa f'dawn il-limiti li l-leġislatur ried li l-Qorti tqis talbiet għat-tiswija jew annotazzjonijiet f'atti bħal dawn. Għalhekk, talba għal bdil ta' żball fil-post fejn persuna tkun twieldet għandha iżjed tirnexxi meta jkun jidher ċar mill-atti u provi dokumentali mressqin li hija frott ta' żball imwettaq x'aktarx minn tagħrif li terza persuna tkun tat meta ġie biex jiġi reġistrat l-Att li jkun;

Illi, dejjem b'riferenza għal dak li jolqot l-interessi ta' terzi f'talba għal bidliet jew tiswijiet fl-Att ta' Stat Ċivili, wieħed irid iqis kemm tali talba tolqot dawn l-interessi. Dan jingħad għaliex jekk kemm-il darba t-talba ma tagħmel jew iġġib l-ebda ħsara għal tali interessi, allura m'għandu jkun hemm l-ebda diffikulta' li l-individwu jiġi akkomodat fit-talbiet tiegħu[8]. Għalhekk, jekk għat-terzi t-talba tal-attur ma huwa maħsub li toħloq l-ebda preġudizju, it-talba tal-attur hija immirata għal benefiċċju li jeħilsu minn qagħda ta' inkonsistenza li tinsab fit-tagħrif dokumentali uffiċjali dwaru. Fi kliem ieħor, għan-nuqqas ta' preġudizzju tat-terzi persuni bl-akkoljiment tat-talba attriċi, hemm benefiċċju konkret għall-istess attur jekk it-talba tiegħu tintlaqa'. Dan huwa mottiv u raġuni tajba biżżejjed biex l-ilment tiegħu jingħata widen. Fil-każ tal-attur, jidher li l-imsemmi żball qiegħed ikun ta' ħsara għalih issa li qiegħed joqrob biex jirtira u jieħu l-pensjoni;

Illi, skond l-artikolu 627 (f) tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili ta' Malta, ċertifikati maħruġin mill-Uffiċċju tar-Reġistru Pubbliku huma prova ammissibbli bla ħtieġa li tinġieb prova oħra dwar l-awtentiċita' tagħhom. Dan jintrabat ukoll mar-regola li r-reġistri u l-estratti tagħhom

[8] App. Ċiv **2.3.1994**, fil-kawza fl-ismijiet ***John Żammit magħruf bħala John Edward Żammit Paċe vs Direttur tar-Reġistru Pubbliku***

huma prova ta' dak li jkun fihom, sakemm ma jintweriex il-kuntrarju[9]. Issa, meta ċertifikat jgħid ħaġa u ċertifikat ieħor fl-istess Reġistru jgħid ħaġ'oħra, titnissel il-ħtieġa tal-intervent għar-rimedju. F'dan il-każ, id-dokument li juri l-Att tat-Twelid tal-attur, kif diġa ngħad, ma għandu jħalli l-ebda dubju dwar kemm hija mistħoqqa t-talba tal-attur f'din il-kawża. It-twelid sar fid-dar privata fejn kienu jgħixu l-ġenituri tal-attur, id-dikjarazzjoni tat-twelid saret minn nannet l-attur, li wkoll kienet preżenti fit-twelid tal-attur. Min-naħa l-oħra, it-tagħrif mogħti fl-Att taż-Żwieġ tal-attur (liema tagħrif sa dak iż-żmien kien fakultativ, minħabba li ma kienx għadha daħlet fis-seħħ il-liġi li tordna r-reġistrazzjoni ċivili ta' żwiġijiet li jsiru f'Malta) ingħata minn persuna – il-kappillan tal-knisja fejn saret iċ-ċerimonja taż-żwieġ – li lanqas biss kien il-persuna li uffiċċjat fiċ-ċerimonja. Għalhekk, huwa evidenti li t-tagħrif fl-Att tat-Twelid tal-attur huwa tagħrif u rifless ta' fatt li wieħed aktar għandu joqgħod fuqu mit-tagħrif mogħti dwar l-istess attur fl-Att taż-Żwieġ;

Illi, mill-provi mressqa, ma jirriżulta bl-ebda mod li l-iżball seħħ bi ħtija tal-uffiċċjal tar-Reġistru. Min-naħa l-oħra, l-prova li għall-iżball f'Att ta' Stat Ċivili jaħti d-Direttur hija waħda li trid issir minn min jagħmel xilja f'dan is-sens, u tali prova trid tkun waħda fil-grad ta' raġonevolezza meħtieġa fi proċedura ta' natura ċivili[10];

Illi, għalhekk, fin-nuqqas ta' prova f'dan ir-rigward ma jistax jingħad b'ċertezza li l-imħarrek jaħti għall-iżball li sar;

Illi, min-naħa tiegħu, l-imħarrek Direttur ma ressaqx oppożizzjoni għat-talba, imma, għal-kuntrarju, jidher li jaqbel magħha;

Illi fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet li l-Qorti għadha kemm għamlet, hija tqis li t-talba attriċi jistħoqqilha tintlaqa';

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda tiddeċiedi din il-kawża billi:

---

[9] Art. 252(1) tal-Kap 16
[10] Art. 562 tal-Kap 12

**Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni** u tiddikjara li l-Avukat Ġenerali mhux il-kuntradittur leġittimu tal-azzjoni attriċi, u qegħda teħilsu milli jibqa' fil-kawża bi spejjeż għall-attur;

**Tilqa' l-ewwel t-talba tal-attur**, u filwaqt li tiddikjara li fl-Att tat-Żwieġ tiegħu li jġib in-numru 177/72 taħt l-intestatura "*Fejn Twieldu*" b'riferenza għall-attur hemm żball fis-sens li l-post tat-twelid tiegħu huwa muri xort'oħra minn kif kellu jkun, **tordna** li l-kelma "*Senglea*" tinbidel bil-kelma "*Paola*";

**Tordna** wkoll, għall-finijiet tal-artikolu 256 tal-Kodiċi Ċivili, li l-imħarrek Direttur tar-Reġistru Pubbliku jiġi notifikat b'kopja vera ta' din is-sentenza u li, fiż-żmien imsemmi minn dak l-artikolu, jagħmel it-tibdil ordnat bis-saħħa ta' din is-sentenza fl-imsemmi Att taż-Żwieġ tal-attur; u

Billi ma ntweriex li l-imħarrek jaħti għall-iżball indikat, tordna li l-i**spejjeż tal-kawża** jitħallsu mill-attur.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------